MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## ANTONIO MIZZI

Seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009

Numru. 590/2009

Il-Pulizija
(Sp Alexander Miruzzi)
vs
Neville Mario Carabott, iben Anthony, imwieled Pieta' fis-17 ta' Novembru, 1989

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat –
1. talli fit-23 ta' Jannar, 2009 għal ħabta tal-11.00 a.m. f'Marsaxlokk bil-ħsieb li jagħmel delitt wera dan il-ħsieb b'atti esterni u ta bidu għall-esekuzzjoni tad-delitt, jiġifieri spara fid-direzzjoni ta' kelb;
2. talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi spara arma tan-nar f'post abitat;

3.  talli fl-istess data, lok, ħin u ċirkostanżi żamm u ġarr arma tan-nar mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tat-2 ta' Ottubru, 2009 fejn l-imputat ammetta l-akkużi miġjuba kontra tiegħu.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta' l-imputat dwar il-piena.

Għaldaqstant, issib lill-imputat ħati tal-akkużi miġjuba kontra tiegħu.  Rat l-artikolu 41(1)(a) tal-Kodiċi Kriminali u l-artikoli 3(a) u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta u tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn u erbgħin euro (€240).

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------